# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Kumpilazzjoni Numru 183/2019**

**Pulizija**

**Spettur Jonathan Ransley**

**vs**

**Maria Cassar**

**Illum, 29 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Maria Cassar detentriċi tal-karta tal-identità numru 121759M, li permezz tagħhom ġiet akkużata talli fit-30 ta' Lulju 2018, u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel, ġewwa residenza f'Carmen, Triq il-Ġnien, Gżira:

i. Ġiegħlet annimal (kelb) isofri uġiegħ, tbatija u dwejjaq mingħajr bżonn, u talli abbandunat l-istess annimal (kelb), u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. Ma trattatx xieraq annimal (kelb), meta żammet annimal (kelb), jew qablet li żżomm annimal (kelb), meta kienet taf li hi responsabbli għat-trattament xieraq tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Ma ħaditx dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-htiġijiet ta' annimal (kelb), li hija responsabbli għalih jew li qablet li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba, sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-kelb, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja;

Rat l-atti kollha;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet sottomissjonijiet;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

**Xhieda viva voce prodotta**

**Spettur Jonathan Ransley** xehed li fl-14 ta' Settembru 2018, irċieva kwerela mingħand Dr Luke Vella Verzin, datata 30 ta' Lulju 2018, sabiex jittieħdu passi kontra l-imputata, għaliex il-klieb fil-pussess tal-imputata, ma kinux qed jinżammu f'ambjent nadif, kienu *malnourished,* u li minħabba li kellhom id-dwiefer twal, kienu qed isofru xi uġigħ. Ġie spjegat ukoll li minħabba l-ħmieg li kien hemm fl-ambjent li kienu qed jinżammu, il-klieb żviluppaw kundizzjoni fil-ġilda. Spjega li l-*Animal Welfare Officers* kienu Saviour Farrugia u Stephen Carabott. Spjega li fit-23 ta' Settembru 2018, huwa bagħat għall-imputata, u din qalet li l-klieb titmagħhom kemm bi *dry food,* u kif ukoll b'*wet food.* Qal li l-imputata sostniet miegħu li fejn

kienu qed iduru l-klieb x'ħin ittieħdu r-ritratti mill-*Animal Welfare Officers,* ma kienx l-ambjent fejn tgħix hi. L-Ispettur sostna li huwa wera lill-imputata ritratt, fejn kien jidher ċar li dawn il-klieb kienu fil-post fejn tabita l-istess imputata.

Spjega li fir-rigward tad-dwiefer, l-imputata sostniet li hija ma kellhiex meżżi finanzjarji sabiex tieħu lil klieb għand veterinarju jew għand *groomer*. Sostna li dakinhar stess, l-imputata ġiet akkumpanjata mis-Surgent 1314, u ttieħdu xi ritratti, li minnhom jirriżulta li l-klieb ma dehrux li għandhom il-kundizzjoni li kienet issemmiet, u li d-dar kienet tnaddfet. Ikkonferma li l-imputata għażlet li tirrinunzja għad-dritt tal-parir legali, u li rrilaxxat stqarrija li l-imputata għażlet li ma tiffirmax.

**Stephen Carabott** spjega li huwa uffiċjal fid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, u li fit-8 ta' Lulju 2018, saret spezzjoni, wara diversi tentattivi. Spjega li daħlu mill-bieb tal-komun, fejn kien hemm ħafna ħmieġ. Spjega li nfurmaw lill-imputata li kellhom rapport fuq il-klieb tagħha. Huwa kkonferma li l-aċċess sar f'Carmen, Triq il-Ġnien, Gżira. Spjega li kien hemm ħafna ħmieġ, tant li l-art kienet twaħħal. Kien hemm ġrieden tal-imramma ħerġin mill-boroż taż-żibel li kien hemm. Sostna li l-imputata niżlet il-klieb fit-taraġ bejn l-entratura tagħha u l-indana ta' isfel. Sostna li l-klieb kienu fi stat ħażin ħafna għax kellhom kundizzjoni fil-ġilda, irritazzjoni kbira. Spjega li kellhom pil nieqes. Id-dwiefer telgħu 'l fuq minflok 'il quddiem. Spjega li rriżulta li l-klieb kienu ċċippjati. Sostna li dan kien każ ċar ta' maltrattament, u rrakkomandaw li l-klieb jittiehdu. Spjega li minkejja l-istat li kienu fihom il-klieb, huwa seta' biss jirrakomanda lil ta' fuqu, u ma setax jieħu l-klieb, ħlief f'każijiet fejn il-kelb ikun imminenti li ser imut.

**Saviour Farrugia** spjega li huwa *Animal Welfare Officer,* u li saret spezzjoni fi Triq il-Ġnien, Gżira. Spjega li l-imputata, li qed jagħraf fl-awla, fetħitilhom biex issir l-ispezzjoni. Qal li l-post kien fi stat diżastruż, u l-annimali ma kinux miżmuma tajjeb. Kien hemm ħmieġ kbir, ħwejjeġ mal-art, u ħmieġ mal-art. Ikkonferma li kien hemm ukoll ħmieġ tal-annimali. Sostna li kien hemm ġrieden tal-imramma ħerġin anke minn ġol-ħajt. Sostna li l-klieb kellhom dwiefer twal. Sostna li b'dawn id-dwiefer, il-klieb lanqas jimxu sew. Sostna li wara dakinhar, hu u l-uffiċjal l-ieħor ma reġgħux marru f'dan il-post.

**Dr Luke Vella Verzin** ikkonferma l-kontenut tal-kwerela bil-ġurament tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-imputazzjonijiet li għandha quddiemha din il-Qorti, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Christina Delia) vs Leon Borg (Kumpilazzjoni numru 477/2019) fit-12 ta' Mejju, 2020, intqal:

> *"Illi l-imputat jinstab mixli bl-imputazzjoni regolata mill-Att dwar itTrattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439). L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:*
>
> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*
>
> *Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl- introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.*
>
> *Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbaghad l- artikolu 2 ta'l-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:*
>
> *"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew millqawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*
>
> *Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li iwettqu atti moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.*

*Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttih biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġigħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġigħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu (Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo ZAMMIT deciz mill-Imhallef Aaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019).*

*L-Imhallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea (Appell Kriminali Numru. 396/2011 deciz fid-29 ta' Mejju 2013) kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija talannimali wara l-kaz li qajjem furur wara l-mohqrija u l-qtil tal-kelba Star "L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il- kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel talkarozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il- qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

*L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-*

*kuxjenza tal-maggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf blIngliz "well being" ta' l-annimali.*

*L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*

*1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma taxxorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*

*2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*

*3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*

*4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*

*5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

*Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa."*

Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Sergio Borg, fil-5 ta' Ottubru 2020, intqal:

*"Illi dan huwa kaz ta' mohqrija ta' annimali da parti tal-imputat liema mohqrija, lil hinn mill-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, mhux biss jirrizulta b'mod manifest mill-atti processwali izda hija wkoll, fil-fehma tal-Qorti, wahda estrema. Huwa minnu li dan l-istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pozittiv imwettaq deliberatament mill-imputat fil-konfront tal-annimali li kienu fil-kustodja tieghu, izda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement soffrew l-annimali in kwistjoni, u lanqas mill-htija*

*talimputat ghar-reati lilu addebitati. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ilahhqu jekk mhux jeccedu, f'dak li huwa mohqrija u krudelta`, kaz ta' att pozittiv ta' sadizmu.*

*Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:-*

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa."*

*Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "mohqrija":*

*Minn ezami tal-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputat mill-harsien tal-benessere u l-htigijiet - anke dawk mill-iktar bazici - ta' dawn l-annimali fuq perijodu ta' xejn anqas minn tliet xhur. Kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, l-imputat, ghad kien ben konxju tal-effetti detrimentali li dan in-nuqqas kien inevitabbilment qed jirreka fuq il-benessere tal-istess annimali, minflok ha azzjoni tempestiva biex jizgura dawn l-annimali ma jkunux neqsin minn ikel, ilma, esercizzju, indafa u igene, akkomodazzjoni xierqa u spazju adegwat biex jghixu minghajr tbatija, ugigh u dwejjaq bla bzonn, iddecieda li jaghlaq ghajnejh u ma jaghmel assolutament xejn biex ihares l-interessi taghhom u b'hekk ikkundannahom, gurnata wara l-ohra, ghal mewt iddisprat.*

*........Effettivament, din l-imgieba passiva izda mill-iktar sadistiku tal-imputat filkonfront tal-annimali li kien izomm fir-razzett in kwistjoni, hija manifestata flatrocitajiet deskritti mill-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq talAnnimali fir-rapport dwar l-ispezzjoni li huma wettqu fis-6 ta' Jannar 2020 gewwa l-imsemmi razzett...... Ma jistax ma jigix emfasizzat illi dawn l-immagini huma xokkanti, orrendi u tat-tkexxix. Huwa difficli jekk mhux impossibbli jitwemmen kif bniedem jista' xjentement jaghzel li jabbanduna lill-*

*annimali tieghu - li wara kollox kienu totalment dipendenti minnu ghall-inqas bzonnijiet taghhom galadarba huwa kien qafilhom fir-razzett -f'cirkostanzi bhal dawk riskontrati fil-kaz in dizamina, fejn l-estremi tal-hmieg, dlam, nuqqas ta' ikel u xorb, fost ohrajn, tant holqu tbatija, dwejjaq u ugigh ghall-istess annimali li dawn waslu fix-xifer tal-mewt u whud minnhom addirittura mietu. Multo magis meta ma jirrizultax illi l-imputat ma ghamel ebda gwadann, qligh jew vantagg iehor evidenti mit-twettiq ta' dan ir-reat."*

Sentenza oħra li eżaminat imputazzjonijiet bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, hija dik mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Noel Attard, deċiża fl-1 ta' Settembru 2020.

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi mismugħa, irriżulta li mill-ispezzjonijiet li saru mill-Animal Welfare Officers, u kif ukoll mill-kwerela li saret u li giet ikkonfermata bil-ġurament, illi żewgt iklieb li kienu rreġistrati fuq isem l-imputata, u li huma fil-pussess tal-istess imputata, ma kinux qed jinżammu f'kundizzjonijiet tajba. Irriżulta li l-klieb kienu qed jinżammu f'ambjent maħmuġ, u kienu qed ibatu minn uġigħ, billi d-difrejn tagħhom ma kinux qed jiġu kkurati, bil-konsegwenza li ntwew 'il fuq. Dan kollu wassal biex il-klieb lanqas ma jistgħu jimxu komdi. Irriżulta wkoll mill-istess xhieda ta' wiehed mill-Animal Welfare Officers, li l-klieb kienu qed ibatu minn kundizzjoni fil-ġilda minħabba l-istat li kienu qed jinżammu.

Minn spezzjoni li sussegwentement saret mill-Uffiċjal tal-Pulizija, wara li ġiet mitkellma l-imputata mill-istess Uffiċjal Prosekutur, irriżulta li għalkemm l-ambjenti tnaddfu, u l-kundizzjoni fil-ġilda tal-klieb ma kinitx għadha tidher, id-dwiefer tal-klieb xorta waħda tħallew twal.

Il-Qorti, meta analiżżat il-provi, tqies li rriżulta li dawn l-imputazzjonijiet ġew ampjament ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Dwar piena, l-Artikolu 45(1) tal-istess Kap.439 jipprovdi dawn il-pieni:

*(1) Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu teħel, meta tinsab ħatja:*

*(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000), iżda mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Bħala piena, din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet magħmula, b'mod partikolari dawk magħmula mid-difiża, u b'mod partikolari l-limitazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li tgħix fihom l-istess imputata.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, wara li rat is-sub inċiżi 2, 3 u 4 tal- Artikolu 8 u Artikoli 45(1) tal- Kap. 439, l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tagħha. Iżda peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanżi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal- Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħatja taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess, u anness ma din is-sentenza, u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation annessa ma' din is-sentenza, u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' din l-ordni, u dawk il-

kondiżżzonijiet, u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenża u tal-ordni ta' probation bid-digriet tal-lum stess, għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Maria Cassar.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur